Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2009

Numru. 1265/2009

**Il-Pulizija
(Spettur Mario Haber)**

**vs**

**Dare Oshikoya**

**SEDUTA TAL-LUM 28 TA’ NOVEMBRU TAS-SENA 2009.**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat Dare Oshikoya ta’ nazzjonalita’ Nigerjana, imwieled f’Lagos, Nigerja fit-22 ta’

Frar ta' l-1989, iben Abiodu u E F O Shikoya, numru moghti mill-Pulizija 08XX-071;

Akkuzat talli:

1. F'data mhux maghrufa fi zmien Mejju tas-sena 2009, bhala persuna illi imbarka jew zbarka, minn jew go Malta naqas illi jkollhu passaport u naqas illi jaghti lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xierqa li jehtieg ai termini ta' l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lill-imputat jammetti l-akkuzi dedotti kontra tieghu;

Wara li taghtu l-opportunita' jirrikonsidra tali dikjarazzjoni ghazel li jikkonfermaha;

Rat l-Artikoli 28 u 32 tal-Kapitolu 217 u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ghall-tlett (3) xhur mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------